**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

ILLUM 2 ta' Settembru, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs.**

**Anthony Cutajar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat Anthony Cutajar** ta' 51 sena bin Generoso Cutajar u Rita Cutajar nee' Pulo mwieled il- Pieta nhar il- 30 ta' Novembru 1970 u Residenti numru 5 Genoroso Triq San Xmun, Fgura bil-karta tal-identita bi numru 518270M,

**Akkuzat:**

1. Talli b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal- ligi jew dispozizzjonijiet relatati tal- ligi u li jkunu gew maghmula b' rizuluzjoni wahda, bejn il- 29 ta' Mejju 2022 u 16 ta' Gunju 2022 minn gewwa fabbrika bl- isem I.M.A. Engineering Services B27C, Qasam Industrijali, Zejtun ikkomettejt serq ta' Ram "Copper" liema serq huwa ikkwalifikat bil- valur li jeccedi is- somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37c), u ikkwalifikat ukoll bil mezz u bil-hin ghad- detriment ta' Michael Attard u/jew ta' persuni ohra u/jew entita jew entitajiet ohra.

2) U aktar talli f’ Malta xjentament lqajt ghandhekk jew xtrajt hwejjeg misruqa mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta jew xjentament b’ kull mod iehor li jkun, indahlu biex ibighhom jew imexxuhom.

3) U aktar talli fl- istess dati hin u lok u cikustanzi bi hsara tas- sid, ghamilt vjolazzjoni ohra kontra l- propjeta ta’ Michael Attard u/jew ta’ persuni ohra u/jew entita jew entitajiet ohra.

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dhalt gewwa art restritta ghall pubbliku li taghmel parti mill-bini ta’ isem I.M.A. Engineering Services B27C, Qasam Industrijali, Zejtun minghajr il-permessi necessarji u bil-mezz imsemmi fl-Artikolu 266 tal-Kapitlu 9 dan bi ksur tal-Artikolu 330 (a) (b)

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li kien misjub ħati ta’ diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tal-21 ta’ Gunju 2022, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Rat it-talba tad-difiza waqt l-istess seduta sabiex in vista tal-ammissjoni tal-imputat jigi mhejji *pre-sentencing report*, liema talba ma kienetx opposta mill-prosekuzzjoni u giet milqugha mill-Qorti.

Rat ir-rapport tal-***Probation Officer*** **Marylin Formosa** esebit waqt is-seduta tal-1 ta’ Awwissu 2022 u mmarkat bhala **Dok MF 1** u semghet ix-xhieda tal-istess Probation Officer fl-istess seduta.

Semgħet, waqt is-seduta tal-1 ta’ Awwissu 2022, il-partijiet jiddikjaraw li m’ghandhomx provi u semghet it-trattazzjoni dwar il-piena kemm mill-prosekuzzjoni u mid-difiza. Il-partijiet issuggerew lill-Qorti illi sabiex jigi segwit programm ta’ riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga tal-imputat il-piena ghandha tkun wahda karcerarja effettiva izda fil-minimu.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

***Ikkunsidrat***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fedina penali tal-imputat (Dok. "MX 1") u kif ukoll il-*pre-sentencing report* (Dok MF 1). Qieset ukoll dak sottomess mill-prosekuzzjoni u mid-difiza waqt it-trattazzjoni finali li l-imputat ikkopera mal-pulizija u li r-rifurtiva instabet u giet ritornata. Qieset ukoll li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' droga u problemi ta' sahha u kif ukoll li huwa sa mill-ewwel wera li ddispjacih tar-reat kommess u talab maħfra ta' għemilu.

L-ufficjal tal-Probation irrakkomandat li l-imputat jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva u li hu rakkomandat li jkun hemm ukoll Ordni ta' Trattament sabiex jigi zgurat li l-imputat ikollu s-sostenn kollu possibbli sabiex jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni waqt il-perijodu ta' inkarcerazzjoni. Hija sostniet ukoll li l-imputat ghandu bzonn ikun f'ambjent ristrett u kontrollat ghaliex mhux facli ghalih li ma jirrikorrix ghad-droga meta ma jkunx f'ambjent kontrollat u l-passat wera li kull meta kienx f'tali ambjent huwa rrikkorra ghad-droga.

Din il-Qorti, wara li rat l-atti processwali kollha, taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation u tqis li ghandha wkoll tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261 (b), (c), 263, 267, 279(b), 280, 289, 330, 334, 340 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Anthony Cutajar ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannaħ ghal piena ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar priġunerija effettiva.**

**Inoltre' bl-applikazzjoni tal-Art. 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn fuq il-ħati sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.** Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju

u ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u x'jigri jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Trattament sudetta tigi notifikata lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-*Probation Services* sabiex tigi attwata l-Ordni ta' Trattament imposta b'din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali bil-mezz u fiz-zmien stabbilit mill-Ligi.

________________

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**